MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 72/2005

**Dr. Anne Fenech ghan-nom u in rappresentnza ta' Great White Fleet Ltd.**

**-vs-**

**Il-P.L. Madeline Firman permezz ta' nota tat-8 ta' Frar, 2005 accettat l-bandu ghan-nom u fl-interess tas-socjeta Abava Shipping Company Ltd.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-28 ta' Jannar, 2005 l-attrici ppremettiet:

Illi fl-14 ta' Marzu 2002, is-socjeta estera Great White Fleet Ltd, ta' Hamilton Bermuda, dahlet f'Charterparty fil-forma

Baltime 1993 (kopja hawn annessa u mmarkata AF1) li permezz tieghu kriet il-bastiment registrat Malta l-MV ABAVA mis-sidien Maltin tieghu Abava Shipping Company Ltd.

Illi waqt il-kiri ta' dan il-bastiment inqalghu vertenzi bejn il-partijiet li jinkludu vertenzi dwar il-kundizzjoni tal-bastiment ABAVA u ksur ta diversi klawsoli fic-charterparty inkluzi klawzoli 1 u 40 fost ohrajn;

Illi t-talbiet tas-socjeta rikorrenti fil-kawza fuq il-merti jistghu jammontaw ghal US$342,000 (tlett mija, tnejn u erbghin elf dollaru American).

Illi jidher li l-bastiment MV ABAVA registrat hawn Malta huwa l-uniku assi tas-socjeta konvenuta.

Illi jekk din l-istess socjeta konvenuta tbigh jew titrasferixxi b'mod iehor dan il-vapur jew xi sehem fih qabel ma tinqata l-vertenza bejn il-partijiet u fl-eventwalita li s-socjeta attrici tirbah l-arbitragg Londra, tezisti l-probabilita kbira li f'dik l-eventwalita il-kreditu tas-socjeta attrici jigi eluz.

Illi d-drittijiet tas-socjeta attrici mhumiex xort'ohra assigurati.

Illi in vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kas hemm l-akbar probabilita li s-socjeta konvenuta tipprova titrasferixxi l-bastiment l-assi principali tas-socjeta konvenuta lil terzi persuni sakemm u qabel ma tigi deciza l-kawza fuq il-merti.

Illi r-rikorrenti nomine ghalhekk ghandha interess li tikkawtela d-drittijiet taghha.

Illi ai termini ta artikolu 37 tal-Att dwar il-Bastiment Merkantili din l-Onorabbli Qorti tista tordna li ma jsir ebda bejgh u/jew trasferiment u/jew negozju tal-bastiment ABAVA jew ta' xi sehem fih, li ma jsir ebda bejgh u/jew trasferiment tal-ishma tas-socjeta sid il-bastiment u cioe

is-socjeta konvenua, li ma jsir ebda registrazzjoni ta' mortgage jew ipoteka fuq il-bastiment

ABAVA u li ma jinharegg ebda deletion certificate mir-registratur tal-bastimenti merkantili u dan sakemm tigi deciza il-vertenza bejn il-partijiet fuq il-merti permezz tal-Arbitragg Londra.

Illi artikolu 37(10) issa jispecifika li l-vertenza trid tkun rigward materji specifikanti;

Illi l-vertenza tirrigwarda drittijiet li jinkwadraw ruhhom fil-parametri li tistipula l-ligi f'paragrafu 37(10)(a)(iv) li jghid: "*A right in or over a ship or a part thereof shall be a claim – secured by a privilege or a lien over the ship arising by operation of Maltese law or the law applicable to the claim.*"

Illi skond ic-charterparty l-ligi li ghandha tirregola l-vertenza bejn il-partijiet fuq il-merti hija l-ligi Ingliza.

Illi skond id-dritt Ingliz il-vertenza fuq il-merti tikkwalifika bhala "lien" u dan skond opinjoni tal-Avukat Ingliz Charles Baker, kopja ta' liema opinjoni hija hawn annessa u mmarkata document AF2

Illi ghaldaqstant jezistu r-rekwisiti kollha stipulati min artikolu 37 tal-att dwar il-bastimenti Merkantili sabiex din l-Onorabbli Qorti taghti l-ordnijiet minna mitluba ai termini tal-istess artikolu.

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. Tordna li ma jsir ebda bejgh u/jew trasferiment u/jew negozju tal-bastiment MV ABAVA jew ta' xi sehem fih.

2. Tordna li ma jsir ebda bejgh u/jew trasferiment u/jew negozju tal-ishma tas-socjeta konvenuta sid il-bastiment Abava Shipping Company Ltd.

3. Tordna li ma jsir ebda registrazzjoni ta' mortgage jew ipoteka fuq il-bastiment ABAVA.

4. Tordna li ma ghandu johrog ebda deletion certificate mir-registratur tal-bastimenti Merkantili.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta u bl-ingunzjoni tas-socjeta konvenuta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenuti nominee ma ppresentaw nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk hija kontumacji skond il-ligi.

Rat l-atti processwali inkluzi l-affidavits esebiti mill-attrici nominee.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' April, 2005 u 8 ta' Mejju, 2005 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta ta' llum wara li semghet lill-attrici.

Ikkunsidrat;

Illi din hija kawza ai termini tal-Artikolu 37 tal-Att dwar il-bastimenti merkantili fejn il-Qorti qed tintalab tordna li ma jsir ebda negozju fuq il-vapur imsemmi.

Mill-affidavits tal-attrici u tax-xhieda l-ohra it-talba tidher *prime facie* gustifikata kif titlob il-ligi u l-konvenuti ma ressqu ebda prova biex jikkontradixxu dawn il-provi.

**Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti fil-kontumacja tal-konvenuti nomine tilqa' t-talbiet kollha attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------